MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Numru 148/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Naeim Shady Mohamed Abd-El-Hady**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Naeim Shady Mohamed Abd-El-Hady ta' 28 sena, iben Mohamed u Sabowa, imwieled l-Egittu nhar il-05 ta' Jannar 1982, residenti gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita' numru 37249(A) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-06 ta' Ottubru 2008, gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema bil-hsieb li jaghmel hsara lil Maged Fawzy

Eskandar ta’ Nazzjonalita’ Egizzjana li joqghod il-Kappara, akkuzah quddiem awtorita’ kompetenti b’ reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija nnocenti u dan ai termini ta’ l-artikoli 101 (1) (a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data u cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’ mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai terminu tal-artikolu 110 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Frar, 2009 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-13 ta’ Marzu, 2009 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tat-13 ta’ Marzu, 2009.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 3 tal-process) u l-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 101 (1) (a) u 110 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu b' dan illi t-tieni (2) akkuza qed titqies li hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------